

## DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/13/UE

tat-18 ta' Ottubru 2013

li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċomb fi stann fuq bordijiet taċ-ċirkwiti stampati popolati użati f'tagħmir mediku mobbli tal-klassi IIa u IIb tad-Direttiva 93/42/KEE minbarra d-difibrillaturi tal-emerġenza li jinġarru fl-idejn

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.
- (2) It-tagħmir mediku mobbli huwa tagħmir mediku mfassal u approvat minn korp notifikat skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE <sup>(2)</sup> biex jinġarr fl-idejn, jew biex jiġi ttrasportat fuq ir-roti tiegħu stess, fuq karretta jew troli jew f'vettura, inġenju tal-ajru jew bastiment waqt u/jew bejn l-operazzjonijiet.
- (3) Is-sostituzzjoni jew l-eliminazzjoni taċ-ċomb fil-bordijiet taċ-ċirkwiti stampati popolati tat-tagħmir mediku mobbli bħalissa mhijiex prattikabbli teknikament. Tinħtieġ eżenzjoni temporanja biex jissokta l-użu tal-istann taċ-ċomb sakemm issir iktar riċerka biex jiġu identifikati l-liġi li jkunu affidabbli għall-ħajja normali tat-tagħmir mediku li jinġarr fl-idejn.
- (4) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

## Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

<sup>(2)</sup> ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1.

## ANNEX

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 33 li ġej:

- “33. Ċomb fi stann fuq bordijiet taċ-ċirkwiti stampati popolati użati f'taġħmir mediku mobbli tal-klassi IIa u IIb tad-Direttiva 93/42/KEE minbarra d-difibrillaturi tal-emerġenza li jinġarru fl-idejn. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016 għall-klassi IIa u fil-31 ta' Diċembru 2020 għall-klassi IIB.”
-